

## Dispożittiv

- 1) Billi naqset milli tadotta, fit-terminu previst, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċċesarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2392 tas-17 ta' Settembru 2015 dwar ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fdak li għandu x'jaqsam ma' rappurtar lill-awtoritajiet kompetenti ta' ksur attwali jew potenzjali ta' dan ir-Regolament, u billi naqset li tikkomunika lill-Kummissjoni Ewropea it-test tal-miżuri li tieħdu sabiex tiġi żgurata t-transpożiżżjoni ta' din id-direttiva ta' implitazzjoni, ir-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq l-obblighi tiegħi taħt l-istess direttiva ta' implitazzjoni, b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artiklu 13 ta' din id-direttiva.
- 2) Ir-Renju ta' Spanja huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 5, 8.1.2018.

---

## Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-4 ta' Ottubru 2018 – Claire Staelen vs L-Ombudsman Ewropew

(Kawża C-45/18 P) <sup>(1)</sup>

(Appell — Talba għal reviżjoni — Kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà)

(2018/C 436/18)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

## Partijiet

Appellant: Claire Staelen (rappreżentant: V. Olona, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: L-Ombudsman Ewropew (rappreżentanti: L. Papadias u A. Antoniadis, aġenti)

## Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Claire Staelen hija ikkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 104, 19.3.2018.

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiliul Naċional de Soluṭjoni a Contestačiilor (ir-Rumanija) fit-30 ta' Mejju 2018 – SC Beny Alex SRL vs Organizaṭijsa Utilizatorilor de Apă pentru Iriġaġi (OUAI) Säveni

(Kawża C-353/18)

(2018/C 436/19)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

## Qorti tar-rinviju

Consiliul Naċional de Soluṭjoni a Contestačiilor

## Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: SC Beny Alex SRL

**Konvenuta:** Organizaṭja Utilizatorilor de Apă pentru Irigaġji (OUAI) Săveni

Permezz ta' digriet tas-17 ta' Ottubru 2018, il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) iddikjarat it-talba għal deċiżjoni preliminari manifestament inammissibbli.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte suprema di cassazione (l-Italja) fit-2 ta' Awwissu 2018 – NH vs Associazione Avvocatura per i diritti LGBTI – Rete Lenford**

(Kawża C-507/18)

(2018/C 436/20)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Qorti tar-rinviju**

Corte suprema di cassazione

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: NH

*Konvenuta:* Associazione Avvocatura per i diritti LGBTI – Rete Lenford

**Domandi preliminari**

- 1) L-Artikolu 9 tad-Direttiva 2000/78/KE<sup>(1)</sup> għandu jiġi interpretat fis-sens li assoċjazzjoni komposta minn avukati speċjalisti fid-difiża legali ta' kategorija ta' persuni li għandha orjentazzjoni sesswali differenti u li għandha bħala għan, skont l-Istatuti tagħha, li tippromwovi l-kultura u r-rispett tad-drittijiet ta' din il-kategorija, għandha awtomatikament interess kollettiv u tikkostitwixxi assoċjazzjoni b'tendenza jew b'konvinzjoni mingħajr skop ta' lukru, li għandha locus standi, inkluż għall-kumpens, meta jseħħu fatti meqjusa diskriminatorji kontra dik il-kategorija ta' persuni?
- 2) L-Artikoli 2 u 3 tad-Direttiva 2000/78/KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema ta' ġlied kontra d-diskriminazzjoni li tipprevedi din id-direttiva tkopri l-espressjoni ta' opinjoni li tmur kontra l-kategorija ta' persuni omosessuali magħmul waqt intervista fil-kuntest ta' xandira ta' divertiment bir-radju, li fiha l-persuna interrogata ddikjarat li qatt ma kienet ser tirreklu lanqas ma kienet ser tħaddem dawn il-persuni fl-uffiċċju tagħha, anki jekk ebda proċedura ta' reklutaggħ ma kienet għaddejja u lanqas ma kienet iprogrammata minn din il-persuna?

---

<sup>(1)</sup> Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolo 5, Vol. 4, p. 79).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Commissione Tributaria Provinciale di Palermo (l-Italja) fit-3 ta' Awwissu 2018 – Autoservizi Giordano società cooperativa vs Agenzia delle Dogane e dei Monopoli – Ufficio di Palermo**

(Kawża C-513/18)

(2018/C 436/21)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Qorti tar-rinviju**

Commissione Tributaria Provinciale di Palermo